# IT-TEATRU MANOEL

**Bħala membri ta' wħud mill-aktar familji sofistikati tal-Ewropa, il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom għajn għall-arti viżwali u performattiva. Għaldaqstant, it-teatru, li jiġbor fih diversi espressjonijiet artistiċi, fosthom il-ġestikulazzjoni u d-diskors, il-poeżija u l-kant, iż-żfin u l-mużika, l-arkitettura u l-ħiliet tal-inġinerija, it-tpinġija u t-tħaddim tas-sett, kien jilgħab parti integrali fil-ħajja soċjali tagħhom. Infatti s-swali fil-Bereġ kienu spiss jintużaw bħala teatri, speċjalment qabel il-bini ta' teatru propju bejn l-1731 u l-1732.**





Emblema tal-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena

### TEATRU PUBBLIKU

Kif mistenni, il-pjanta oriġinali tal-Belt Valletta ma kienetx tinkludi spazju għall-bini ta' teatru. F'dak il-mument, il-Kavallieri kellhom l-isfida ewlenija li joħolqu fortizza b'saħħitha u spazzjuża biżżejjed sabiex tilqa' fiha l-Kunvent u l-parti l-kbira tal-poplazzjoni Maltija fl-iqsar żmien possibbli. Iżda meta s-sitwazzjoni tjiebet matul l-aħħar snin tas-seklu 17 u l-ewwel snin tas-seklu 18, il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736) ħass il-bżonn li jibni teatru pubbliku għad-divertiment onest tal-poplu. Fl-1731, huwa xtara żewġ binjiet fi Triq San Salvatore mingħand il-Prijorat Spanjol ta' Navarra, u ħa ħsieb li x-xogħol kollu tat-twaqqiegħ u tal-bini jitlesta f'anqas minn sena.




### AWDITORJU ARTISTIKU

Il-parti ċentrali tal-faċċata hija mqassma fuq tliet sulari, u għandha tliet aperturi f'kull sular. Il-ġnub jikkonsistu f'pilastri doppji mistrieħa fuq bażi għolja. Maż-żmien, dawn il-bażijiet tniffdu b'bieb, filwaqt li l-gallarija miftuħa li kien hemm fuq il-bieb ewlieni tneħħiet. Minn ġewwa, dan it-teatru hu ferm aktar armonjuż. Oriġinarjament, l-awditorju kien miżgħud bl-iskutura fil-ġebla u kellu biss żewġ saffi ta' palketti u gallarija fuqhom. It-tielet saff ta' palketti ġie miżjud fis-snin 1812 u 1813, meta s-saqaf ġie mgħolli u l-palketti nksew b'pannelli mpittra tal-injam. Fl-istess waqt, ingħatalu l-isem ta' Teatru Rjal. Mal-medda tas-snin, dan it-teatru għadda minn diversi interventi oħra ta' tkabbir u tisbieħ.



Is-saqaf trompe-l'oeil tal-awditorju

### TEATRU NAZZJONALI

Bl-inawgurazzjoni tat-Teatru Rjal fid-daħla tal-Belt Valletta fl-1866, dan ingħata l-isem ta' Teatru Manoel. Kif mistenni, fis-snin ta' wara, dan ma baqax it-teatru ewlieni tal-Belt u ta' Malta, però ħeles mill-attakki feroċi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Bejn l-1957 u l-1960, it-Teatru Manoel sarulu xogħolijiet estensivi ta' restawr u ridekorazzjoni, u ġie ddikjarat bħala t-Teatru Nazzjonali.

© 2021 H Heritage Malta Publishing